# Kulleġġ San Nikola

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
FRAR 2009

# Malti (Kitba)

## Il-Ħames Sena

Isem: ___________________________ Klassi: _______

Ħin: Siegħa u kwart

Total ta' Marki: [ ]

# L-Għaġla tal-Fekruna

Il-Fekruna, darba waħda,
Qagħdet tħares sew, bil-mod;
Ħarġet rasha ftit mill-ħofra
Biex tittawwal naqra 'l bogħod.
(strofa 1)

Kienet ilha rieqda ħafna
Tul ix-xitwa hemm taħt l-art;
U kif issa ttawlet naqra
Ma ħassitx aktar il-bard.
(strofa 2)

Ħarġet hi u wliedha magħha
Minn ġol-bejta fil-ħamrija,
Meta f'daqqa tilmaħ raġel
B'sellum miexi bla tbatija.
(strofa 3)

U 'l uliedha sejħet ħdejha
Biex tgħidilhom bis-sellum,
U qaltilhom, Ħa nurikom
"Kif daqs Kikku jien se nkun!"
(strofa 4)

"Dan m'hux sewwa aħna l-fkieren
"Bil-mod nimxu tikka tikka!
"Hemm bżonn ngħaġġlu ngħaġġlu
"Bħalma jgħaġġlu Kikku u Kikka!"
(strofa 5)

U bdiet tgħaġġel tikka tikka
Forsi titla' l-iskaluna
Tas-sellum - w aqta' kemm damet!
Snin u snin! Ħassitha sħuna!
(strofa 6)

Snin u snin għaddew! Sa fl-aħħar
L-iskaluna tiegħla tiegħla!
It-tfal tagħha ċassi lejha,
Kulħadd b'ħarstu....kulħadd kielha!
(strofa 7)

Għaddew disgħa u disgħin sena,
Dejjem mgħaġġla tikka tikka.
Fl-aħħar riedet tgħaġġel aktar
Ħalli tgħaddi 'l Kikku u 'l Kikka.
(strofa 8)

Imma tfixklet, tgerbet, waqgħet,
U mal-art...bumm! bumm! tisbita!
Ġew uliedha jibku ħdejha,
"Ma," qalulha, "sirt mazzita!"
(strofa 9)

"Imxu wliedi tikka tikka.
"L-għaġla qatt la tagħtu kasha!
"Kemm ħlejt ħin mal-iskaluni!
"Dahri sar qisu ċirasa!"
(strofa 10)

**Poeżija adattata ta' Ġorġ Mifsud**



*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'***sentenzi sħaħ***.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(25 marka)***

1. Sib kelma mill-ewwel strofa li tfisser *ftit.* _______________

2. Minn fejn ħarġet rasha l-Fekruna darba waħda? (strofa 1)

___________________________________________________

3. F'liema staġun kienet rieqda l-fekruna? (strofa 2)

___________________________________________________

4. Mit-tielet strofa sib kelma oħra li tfisser l-istess bħal *tara.*

_______________

5. Lil min rat il-fekruna miexi bla tbatija? (strofa 3)

___________________________________________________

6. Il-fekruna kemm-il sena damet tipprova titla' s-sellum? (strofa 8)

___________________________________________________

___________________________________________________

7. Il-fekruna rnexxielha titla' s-sellum kollu? Kif taf? (strofa 9)

___________________________________________________

___________________________________________________

8. Mill-ewwel strofa sib żewġ *Nomi Komuni?*

_______________ _______________

9. Agħti s-singular ta' *fkieren*: _______________

10. Agħti l-plural ta':
raġel _______________
xitwa _______________



11. Mill-ħames strofa sib żewġ *Nomi Proprji*:

_______________ _______________

*B. Daħħal l-artiklu fil-vojt:.* **(10 marki)**

Meta għereqlu *l-* bastiment ġab lura kull ma kien tilef.

Wieħed mill-postijiet fejn mar ___ bastiment kien gżira li fuqha kienu jikbru ___ msiemer tal-qronfol, ___ kannella u ___ bżar. ___ nies ta' dik ___ gżira qalulu li qrib kull bukkett ta' bżar tikber werqa kbira li bis-saħħa tagħha l-bżar ikollu ___ dell u meta tinżel ___ xita sservi ta' umbrella u hekk il-bżar ma jixxarrabx. Iżda meta jgħaddi ___ staġun tax-xita, ___ werqa tidbiel u taqa' qrib il-bukkett tal-bżar.

*C. Ikteb il-kontra tal-kliem mmarkati b'linja taħthom:* **(10 marki)**



Eżempju: Mark hu tifel twil ħafna.

*qasir*

1. Ċapċap idejh u kanta b'leħen għoli.

   __________

2. Għadda żmien twil f'din il-ħajja.

   __________

3. Iżda kellha tibqa' bil-kurżita' sal-għada filgħodu.

   __________

4. Baqa' dieħel wara Louis.

   __________

5. Taħt dawk is-siġar kien hemm ħafna xadini.

   __________

D. *Ikteb il-Mamma jew l-Għerq fil-vojt. L-ewwel waħda lesta.*
**(5 marki)**

| Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|
| *jorqod* | *raqad* | *r – q - d* |
| nigdbu | | g – d – b |
| ħarset | ħares | |
| ċapċapna | | ċ - p – ċ - p |
| tixrob | xorob | |
| ħarbatna | | ħ – r – b - t |

E. *Imla l-vojt b'verbi fil-preżent.* **(5 marki)**
*Ara l-eżempju.*

Il-bastiment *ikompli* (kompla) jbaħħar sakemm ___________ (wasal) qawwi u sħiħ fil-port. Sinbad isib post fil-port u ___________ (qagħad) jistrieħ għal xi żmien. Wara ___________ (telaq) lejn il-belt fejn jingħaqad mal-familja tiegħu. Kollha ___________ (ferħu) bih għax jerġa' lura f'nofshom. Iżda ma jinsiex ___________ (waqaf) mar-romol u l-iltiema.

F. *Ikteb l-imperattiv ta' dawn il-verbi.* **(5 marki)**
*Ara l-eżempju.*

Eżempju: *Kul* (kiel) qabel tibda tilgħab.

1. Mur ________ (raqad) għax tidher għajjien!
2. Inti ________ (xorob) l-ilma biex taqta' l-għatx.
3. Inti ________ (daħħlet) il-ktieb f'postu.
4. Intom ________ (poġġejtu) mal-mejda ħa nieklu.
5. Inti ________ (tfarfar) il-gradenza għax mimlija trab.